MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 56/2007

**Abdul Hakim Hassan Abdulle u b'nota tal-15 ta' Novembru 2007 Dr. Michael Camilleri assuma l-atti tal-kawza f'isem l-istess Abdul Hakim Hassan Abdulle u Kasin Ibrahim Nur**

**vs**

**Ministru tal-Gustizzja u Intern Kummissarju tal-Pulizija fil-kapicita` tieghu bhala Principal Immigration Officer.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors ta' Abdul Hakim Hassan Abdulle (38620 (A)) u Kasim Ibrahim Nur (38319 (A)) datat 8 ta' Novembru 2007 a fol. 1 tal-process fejn esponew:-

Illi r-rikorrenti huma t-tnejn mis-Somalia. Ir-rikorrent Abdul Hakim Hassan Abdulle telaq mis-Somalia fi Frar 2004 wara li gie ippersegwitat minn movement Islamiku militanti. Ir-rikorrent Abdul Hakim Hassan Abdulle kien proprjetarju ta' caffe f'Merka, Somalia u dan il-caffe' kien gie maghluq minn dawn il-militanti illi kienu qeghdin jippersegwitaw it-tribu' Madigan illi l-istess rikorrent huwa membru tieghu.

Illi ghal din ir-raguni r-rikorrent kellu jitlaq mis-Somalia. Huwa mar lejn Addis Ababa, Ethiopia, imbaghad fis-Sudan. Abdul Hakim Hassan Abdulle qasam id-desert Sahara ghal madwar 22 gurnata biex wasal il-Libja. Huwa kien ma' madwar 25 nies ohra fuq dan il-vjagg, minghajr ilma u ikel. L-ewwel wasal Benghasi u mbaghad Tripoli fit-23 ta' Marzu 2004.

Illi fi Tripoli ir-rikorrent ipprova isib xoghol izda dan kien difficili u meta sab xoghol ma kienx imhallas tajjeb.

Illi f'Mejju 2004, matul il-lejl ir-rikorrent flimkien ma' 30 nies ohra ppruva jaqsam il-bahar Mediterran izda d-dghajsa inqalbet u r-rikorrent Abdul Hakim Hassan Abdulle gham lura lejl il-kosta Libika. Iben ir-rikorrent Abdul Hakim Hassan Abdulle ghereq f'dan l-incident.

Illi r-rikorrent l-iehor, Kasim Ibrahim Nur, telaq mis-Somalia kawza tal-fatt illi kien tilef il-familja kollha tieghu fil-gwerra f'pajjizu. Nhar is-7 ta' Lulju 2003, mar l-Ethiopia parti bil-mixi u parti permezz ta' karozza u baqa' hemmhekk ghal xahrejn. Wara l-Ethiopia huwa qasam id-desert Sahara u f'Dicembru 2003 wasal Tripoli, l-Libja. Ir-rikorrent ghex hemm ghal madwar sena. Il-hajja fil-Libja kienet difficli u ghalhekk iddecieda li jitlaq.

Illi nhar it-30 ta' Settembru 2004, iz-zewg rikorrenti u 24 persuna ohra ppruvaw jaqsmu mil-Libja ghall-Ewropa. Id-dghajsa kienet intercettata minn *patrol* Malti u gew akkumpanjati Malta nhar l-1 ta' Ottubru 2004.

Illi mal-wasla taghhom huma ittiehdu d-Depot tal-Floriana. Huma qalu lill-Pulizija illi kienu mis-Somalia u gejjin mill-

Libja. Ir-rikorrenti kienu fotografati u inghataw 'police immigration number'. Huma qatt ma nghataw l-opportunita' li japplikaw ghall-asil f'Malta.

Illi wara ghoxrin jum fid-Depot huma gew infurmati illi d-detenuti kollha bejn in-numru 04 OO 005 u 04 OO 010 kellhom jippakkjaw l-affarijiet taghhom. Huma gew immanetjati u mpoggija fuq xarabank tal-Pulizija. Meta staqsew fejn kienu sejrin, il-pulizija qalulhom illi kienu sejrin lura l-Libja. Huma staqsew sabiex jitkellmu mar-rappresentant tal-UNHCR f'Malta izda din it-talba ma gietx accettata u l-pulizija qalulhom li l-ordnijiet kienu illi jitpoggew fuq l-ajruplan anki bil-forza jekk kien necessarju. Huma irrifjutaw izda l-pulizija uzaw il-forza u tellghu id-detenuti abbord.

Illi meta waslu Tripoli, l-awtoritajiet Libici zammewhom arrestati fl-ajruport imbaghad tpoggew f'van fejn kienu mghamda. Waslu gewwa post fejn kienu interrogati, imsawta u ittorturati. Wiehed mir-rikorrenti gie msawwat fil-qasba tas-sieq u 'electrocuted' fil-partijiet intimi tieghu. Dan kien ukoll imdendel wiccu 'l isfel.

Illi wara gimgha f'dan il-post ir-rikorrenti, flimkien mas-Somali l-ohra gew mehuda l-ewwel Fallah, post ta' detenzjoni ghall-immigrati illegali u mbaghad l-habs ta' Ain Zara. Wara xi tliet xhur r-rikorrenti gew mehuda l-Qorti fejn kienu processati minghajr ebda interpretu. Wiehed mill-pulizija kien irnexxulu jispejga lir-rikorrenti illi kienu wehlu sena habs kull wiehed. F'dan il-perjodu l-habs, ir-rikorrenti gew imsawwta u ttorturati.

Illi f'Novembru 2005, ir-rikorrenti u s-Somali l-ohra tpoggew go jeep u wara tlett ijiem vjagg fuq dan il-jeep thallaw fid-dessert. Huma ghaddew 14-il gurnata fid-dezert minghajr ikel jew ilma. Wara gimgha Sadak u Mohammed mietu u wara ftit granet Hashi u Abdishukur ma kellhomx is-sahha jkomplu jimxu. Ir-rikorrenti baqghu jimxu u iltaqghu ma' xi nies Berberi illi ghenuhom. Huma rnexxielhom jaslu Tripoli u fit-23 ta' Gunju 2006 regghu waslu Malta.

Illi r-rikorrenti jghid illi s-suespost ikisser id-drittijiet fondamentali taghhom, in partikolari **artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem** u ta' **artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** illi jipprotegi d-dritt ghal protezzjoni illi hadd ma ghandu jkun assoggettat ghal piena jew trattament inuman jew degradanti.

Illi huwa pacifku fil-gurisprudenza Ewropeja (**Chahal vs The United Kingdom** [70/195/576/662] 15 November 1996) ormai illi permezz ta' espulsjoni ta' bniedem da parti ta' Stat, l-istess Stat jista' ikun responsabbli taht **artikolu 3 tal-Konvenzjoni** fejn jigi ppruvat illi minhabba tali espulsjoni dak il-bniedem qieghed jirriskja illi jigi assoggettat ghal tortura jew trattament inuman fil-pajjiz fejn l-istess bniedem jigi deportat.

*In oltre*, l-istess agir da parti ta' intimati jew min minnhom, ikisser **artikolu 4 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea** hekk kif inkorporata f'**Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta**, u cioe' l-projbizzjoni ta' tkeccija kollettiva ta' frustieri. Minkejja l-fatt illi t-tkeccija kollettiva ta' frustieri hija pprojbita l-intimati rradunaw ir-rikorrenti u nies ohra li kienu gejjin mis-Somalja u deportawhom kollettivament.

*In oltre*, ir-rikorrenti sostnu illi intimati jew min minnhom kisru ukoll id-dritt taghhom ta' rimedju effettiv *ai termini* ta' l-**artikolu 13 ta' Konvenzjoni Ewropea u Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta**. Dan l-artikolu jghid illi, *'Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tieghu kontemplati f'din il-Konvenzjoni ghandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorita` nazzjonali ghalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jagixxu f'kariga ufficjali'.* Ir-rikorrenti ma kellhomx mezz sabiex jikkontestaw ir-*removal order* jew japplikaw ghal l-istatus ta' Refugjat *ai termini* tal-**Att dwar il-Refugjati (Kap 420).**

Illi ghalhekk l-istess rikorrenti talbu lill-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi l-initimati jew min minnhom kisru d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti, hekk kif sanciti

f'**artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u **artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap 319)** minhabba l-agir taghhom fid-deportazzjoni tar-rikorrenti.

2. Tiddikjara illi l-initimati jew min minnhom kisru d-drittijiet fondamentali tieghu, hekk kif sancit f'**artikolu 4 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea** minhabba l-istess deportazzjoni.

3. Tiddikjara illi l-initimati jew min minnhom kisru d-drittijiet fondamentali tieghu, *ai termini* tal-**artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea** ghaliex l-istess deportazzjoni tmur kontra d-dritt tar-rikorrenti ghar-rimedju effettiv.

4. Taghti dawk ir-rimedji kollha mehtiega u necessarji fil-konfront tar-rikorrenti sabiex jigu salvagwardati d-drittijiet fundamentali tieghu.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-20 ta' Novembru 2007.

Rat ir-risposta tal-Ministru tal-Gustizzja u Intern, u tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 20 ta' Novembru 2007 a fol 10 tal-process fejn eccepew: -

**Eccezzjoni Preliminari**

i. Preliminarjament, il-Ministru tal-Gustizzja u Intern m'huwiex il-legittimu kontradittur fil-kaz odjern u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju *ai termini* tal-**artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**.

ii. Illi preliminarjament u bla pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju u effettiv *oltre* l-proceduri odjerni sabiex jissalvagwardjaw id-drittijiet taghhom, u dan *ai termini* tal-**artikolu 8 (1) tal-Kap 420** li jiddisponi:-

*"Persuna li tkun qieghda tfittex asil f'Malta ghandha ssirilha intervista minn ufficjal tal-immigrazzjoni kemm jista' jkun malajr, u hija tista' tapplika lill-Kummissarju fuq*

*il-formola preskritta ghal dikjarazzjoni. Il-formola preskritta ghandha, meta jkun possibbli, tkun f'ilsien li l-applikant ikun jifhem. L-ufficjal tal-immigrazzjoni ghandu wkoll jgharraf lil dik il-persuna bid-dritt li ghandha li tapplika ghal dikjarazzjoni u li tikkonsulta lill-Kummissarju Gholi u jkollha assistenza legali matul il-fazijiet kollha tal-proceduri tal-asil."*

Illi kif ser jigi ppruvat mill-esponenti, ir-rikorrenti ma ressqu l-ebda talba mal-awtoritajiet Maltin li qeghdin ifitxxu l-asil la meta waslu f'Malta u gew milqugha minn rapprezentant tal-esponent, u wisq anqas tul iz-zmien li huma ghamlu hawn Malta.

Ghaldaqstant *in vista* tas-suespost, fl-opinjoni umili tal-esponenti, din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha *ai termini* tal-**artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta** u dan ghat-tenur tal-proviso tal-istess subartikolu.

**<u>Talbiet tar-Rikorrenti</u>**

Illi r-rikorrenti qed jitolbu lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-intimati kisru d-drittijiet fondamentali taghhom kif sanciti:-

(a) fl-**artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**artikolu 3 tal-Kovenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem**,

(b) fl-**artikolu 4 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzzjoni Ewropea**, u

(c) fl-**artikolu 13 tal-Konvezzjoni Ewropea**.

Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma ghal kollox frivoli ghas-segwenti ragunijiet:-

**(i) Inapplikabbilita` tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem**

Illi fi kliem ir-rikorrenti, ghalkemm l-allegat torturi ma sarux f'territorrju Malti, id-deportazzjoni taghhom tat lok ghal dawn it-torturi.

Illi tali allegazzjoni hija ghal kollox frivola *stante* illi:

(a) l-intimati qatt ma kellhom gharfien li fit-territorrju Libjan qed isehhu t-torturi msemmija mir-rikorrenti;

(b) l-awtoritajiet Maltin qatt ma kellhom ilmenti minn ghand l-ghaqda UNHCR, li ghandha sit anke fil-Libja, dwar xi abbuzi ta' tortura ezercitati fit-territorju Libjan;

(c) ma jirrizultax illi r-rikorrenti, qabel ma gew deportati minn Malta, ilmentaw mal-esponenti dwar id-deportazzjoni taghhom fil-Libja minhabba illi setghu isofru tortura jew trattament inuman;

(d) ir-rikorrenti, ghalkemm qeghdin jallegaw li sfaw ittorturati mill-awtoritajiet Libjani, xorta uzaw l-istess rotta sabiex harbu t-tieni darba u xorta ghazlu li jinzlu fit-territorju Malti.

Illi r-rikorrenti, in sostenn mal-allegazzjonjiet taghom, jaghmlu referenza ghas-sentenza **Chahal** vs **The United Kingdom.** Illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'dak il-kaz partikolari kellha rapport ta' NHRC fejn il-Qorti tenniet, *"The NHRC has also drawn attention to the problems of widespread, often fatal, mistreatment of prisoners and has called for a systematic reform of the police throughout India (para. 104).* Kif ukoll il-Qorti zammet quddiem ghajnejja l-*high profile* ta' Mr. Chahal. "*The Court further considers that the applicant's high profile would be more likely to increase the risk to him of harm than otherwise."*

Illi c-cirkustanzi tal-kaz odjern ma jistghux jitqabblu mac-cirkostanzi tal-kaz fuq citat mir-rikorrenti. Infatti, l-intimati ma kellhom l-ebda rapport dwar xi ezercizzju ta' torturi fit-territorji Libjan, kif ukoll ma kellhom l-ebda nformazzjoni li r-rikorrenti huma xi persuni *high profile* u li ghaldaqstant setghu kienu l-mira ta' xi abbuzi mill-awtoritajiet barranin.

(ii) **Inapplikabbilta` tal-artikolu 4 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzzjoni Ewropea.**

Illi dan l-artikolu jiddisponi illi *"It-tkeccija kollettiva ta' frustieri hija pprojbita."*

Illi ghaldarb'ohra, dan l-artikolu ma japplikax ghall-kaz odjern *stante* illi:

(i) fil-kaz odjern m'ahniex qed nitkellmu fuq tkeccija kollettiva ta' frustieri, izda fuq zamma ta' ordni pubblika. L-esponenti mxew mal-ligi i.e. l-**Att dwar l-Imigrazzjoni**, li tipprojbixxi d-dhul f'Malta ta' persuni li jirfsu f'pajjizna minghajr id-dokumenti mehtiega;

(ii) ir-rikorrenti ma ressqu ebda talba ghal Asil u ghaldaqstant ma kien hemm xejn x'izomm lill-esponenti milli jiddeportaw lir-rikorrenti barra minn Malta *stante* li ma kellhomx id-dokumenti mehtiega li kien jintitolhom jibqghu hawn Malta.

(iii) **Inapplikabilita` tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea**

Illi f'dan l-**artikolu 13** insibu li:

*"Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tieghu kontemplati f'din il-Konvenzjoni ghandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorita` nazzjonali ghalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jagixxu f'kariga ufficjali."*

Illi din it-talba hija ghal kollox frivola u vessatorja minhabba l-fatt li l-Istat jipprovdi, *tramite* l-Qrati tal-Gustizzja, sistema fejn persuna li thoss illi nkisrulha jew jistghu jinkisru d-drittijiet taghha tista' tfittex rimedju. Il-proceduri odjerni huma fil-fatt mera ta' dan ir-rimedju effettiv disponibbli lir-rikorrenti.

Illi ghaldaqstant mis-suespost johrog b'mod l-aktar car illi:

(i) fi kwalunkwe kaz din il-qorti ghandha tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha in kwantu r-rikorrenti ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji li kienu ghalih disponibbli;

(ii) ma hemm ebda ksur jew x’aktarx ksur ta’ xi dritt fundamentali mill-esponenti versu r-rikorrenti; u

(iii) ma hemm ebda provvediment xieraq u opportun x’ jinghata lir-rikorrenti minn din il-Qorti.

Ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kollha kontra taghhom.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta’ Novembru 2007 fejn Dr. Michael Camilleri b’nota a fol. 17 tal-process assuma l-atti tal-kawza ghan-nom ta’ Abdul Hakim Abdulle.

Rat in-nota tar-rikorrenti fejn ipprezentaw l-affidavits taghhom Dok. “A” u Dok. “B” rispettivament (fol. 20 sa fol. 27).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-18 ta’ Gunju 2009 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr. Josette Demicoli pprezentat nota bi tliet dokumenti u tat kopja lid-difensur tal-kontro-parti. Dr. Demicoli ddikjarat li r-rikorrenti li kien inghata n-numru 06N-010 kien applika ghall-azil meta wasal it-tieni darba f’Malta fl-4 ta’ Lulju 2006 u nhariglu c-certifikat ghall-*temporary humanitarian protection* fit-18 ta’ Jannar 2007. Ir-rikorrenti l-iehor li kien inghata numru 06N-028 meta wasal it-tieni darba f’Malta applika ghall-azil fit-28 ta’ Lulju 2006 u nhariglu c-certifikat ghall-*temporary humanitarian protection* fis-26 ta’ Dicembru 2006. Deher is-Supretendent Neville Xuereb li ddikjara bil-guramentat tieghu li ma jaf xejn fuq il-kaz. Inghata digriet affidavit rikorrenti ta’ erbghin (40) gurnata u l-Qorti nnominat l-Assistent Gudizzjarju Dr. Gillian Portelli sabiex tiffissa zewg seduti ghall-konkluzjoni provi rikorrenti u ghall-kontro-ezamijiet.

Rat l-istess nota datata 18 ta’ Gunju 2009 li biha gew esebiti zewg *Removal Orders* datati 23 ta’ Gunju 2006 (Dok. “JD 1” u Dok. “JD 2” – fol. 119 u 120) u lista tal-

persuni Somali li dahhlu Malta mar-rikorrenti u d-data meta whud minnhom applikaw sabiex jinghataw *status* ta' refugjat (Dok. "JD 3" – fol. 121).

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Gillian Portelli bix-xhieda kollha quddiemha prodotta u d-dokumenti hemm pprezentati.

Rat ix-xhieda ta' Maria Theresa Galea bhala rappresentant tal-Kummissarju tar-Refugjati (19 ta' Novembru 2008 – fol. 42); tal-Ispettur Edel Mary Camilleri (fol. 72), Spettur Mario Haber (fol. 89) li esebixxa Dok. "MH 1" (fol. 68) u Dok. "MH 2" sa Dok. "MH 7" u b'affidavit datat 3 ta' Dicembru 2009 – fol 448), u is-Supretendent Sandro Zarb (fol. 107) (22 ta' April 2009; u tar-rikorrenti Kasim Ibrahim Nur (fol. 456; 458) (28 ta' April 2010).

Rat in-nota tal-intimati datata 13 ta' Lulju 2010 li biha giet esebita ***Convention Governing the Specific Aspects of Refugee Problems in Africa*** bhala Dok. "RC" – fol. 464 sa fol. 473.

Rat ir-rikors tal-Ministru tal-Gustizzja u Intern u tal-Kummissarju tal-Pulizija fil-kapacita` tieghu bhala Principal Immigration Officer datata 9 ta' Marzu 2010 a fol 479 tal-process fejn talbu lill-Qorti joghgobha tordna l-isfilz mill-atti processwali tad-dokumenti mmarkati bhala Dok "HH12", u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha opportuni u xierqa.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta fejn fis-seduta tat-23 ta' Frar 2011 meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Chris Falzon ghall-intimat u Dr. Michael Camilleri ghar-rikorrenti li ta ruhu b' notifikat bir-rikors tal-14 ta' Jannar 2011 u rrimetta ruhu ghall-istess. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat l-isfilz tal-affidavits tar-rikorrenti ndikat fir-rikors minhabba li l-istess ma jistax jigi rintraccat, u fil-fatt lanqas irrisponda lid-difensuri tieghu. Dr. Falzon Scerri ddikjara li m'ghandux izjed provi xi jressaq. Id-difensuri talbu jaghmlu nota ta' sottomissjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' erbghin (40) gurnata millum lir-rikorrenti ghall-

istess bin-notifika/*visto* lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollhom erbghin (40) gurnata ghan-nota responsiva, b'dan li jekk it-terminu tar-rikorrenti jghaddi inutilment jiskatta t-terminu ghan-nota tal-intimati. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Ottubru 2011 u wara ghas-seduta tad-29 ta' Novembru 2011.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti Abdul Hakim Hassan Abdulle u Kasim Ibrahim Nur datata 4 ta' April 2011 a fol 492 tal-process.

Rat in-nota responsiva ta' sottomissjonijiet tal-Ministru tal-Gustizzja u Intern u Kummissarju tal-Pulizija fil-kapacita` tieghu bhala Principal Immigration Officer datata 29 ta' April 2011 a fol 522 tal-process.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti datat 28 ta' Novembru 2011 fejn il-Qorti cahdet it-talba kontenuta fir-rikors tal-intimati datat 9 ta' Marzu 2010 ghall-isfilz tad-Dokumenti Dok. "HH 12" sa Dok. "HH21".

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi r-rikorrenti Abdul Hakim Hassan Abdule (Abdule) u Kasim Ibrahim Nur (Nur) li huma t-tnejn mis-Somalia jallegaw li kienu marru l-Libja u minn hemm fit-30 ta' Settembru 2004 flimkien ma' 23 persuna ohra qasmu l-Mediterran u gew intercettati mill- *Maltese coastal guard patrol* fl-1 ta' Ottubru 2004, minn fejn inhadu d-Depot, inhadu r-ritratti u il-*fingerprints* taghhom u moghtija numru maghrug bhala *police immigration no*. Wiehed 04 OO 007 u l-iehor 04 OO 006; jghidu li informaw lill-pulizija li kienu

mis-Somalia u kienu gejjin mill-Libja, pero’ jghidu li ma gewx moghtija applikazzjoni ghall-asil jew almenu gew informati li setghu japplikaw ghall-asil. Inzammu hekk detenuti ghal 20 gurnata sal-21 ta’ Ottubru 2004 u l-persuni minn numru 04 OO 005 sa 04 OO 010 gew ordnati sabiex jigbru l-affarijiet taghhom, li fil-verita’ ma kellhom xejn hlief hwejjighom, immanettjawhom tnejn tnejn, u gew impoggija b’xarabank tal-pulzija minghajr ma gew informati fejn ser jittiehdu. Mal-vjagg indunaw li kienu sejrin l-ajruport; gew informati li kienu ser jintbaghtu lura l-Libja, u jghidu li oggezzjonaw ghal dan ghaliex huma ma kienux Libjani u ghalhekk ma setghux jigu deportati l-Libja, izda r-risposta ghal dan kienet li l-ordni moghtija lill-Pulizija kienet hekk. Saqsew lil membru tal-pulizija sabiex ikellmu rappresentant tal-UNHCR, izda wara li dan ikkomunika mas-superjuri tieghu, gie ordnat li ghandu jpoggihom fuq ajruplan, jekk ikun hemm bzonn bil-forza, u fil-fatt hekk gara ghaliex ir-rikorrenti rrifjutaw li jmorru lura. Gew impoggija bil-forza fuq in-naha ta’ wara ta’ l-ajruplan b’pulizija bejniethom, dejjem huma mmanetjati. Meta waslu l-Libja gew moghtija lill-Awtoritajiet Libjani fejn inzammu f’kustodja u wara mehuda maghmmda f’post iehor fejn gew ghal 7 t’ijiem interrogati u torturati; ittiehdu Falah ghal 10 t’ijiem u minn hemm mehuda f’habs Ain Zara u wara tlett xhur ittiehdu l-Qorti u gew processati talli dahlu l-Libja illegalment u wehlu b’kollox sena prigunerija fejn matul tali zmien gew ukoll imsawwta u torturati. F’Novembru 2005 gew mehuda b’jeep fid-dezert u mhollija hemm u wara 14 il-jum iltaqghu ma’ Berberi li haduhom Kufra fejn baqghu hemm sa Dicembru 2005 u marru Tripli f’Jannar 2006, u mbaghad regghu gew Malta fit-23 ta’ Gunju 2006.

Illi r-rikorrenti Nur fix-xhieda tieghu datata 28 ta’ April 2010 kkonferma dak kollu ndikat fl-affidavit tieghu u kkonferma li kemm dam Malta u meta nzamm il-Furjana fis-sena 2004 huwa kemm dam Malta ghal xi 21 jum *“no one approached me with information regarding asylum”* (fol. 457). Fix-xhieda tieghu fis-26 ta’ Mejju 2010 zied li huwa ma kkontestax ir-*removal order*, u ma talabx lill-pulizija ghall- protezzjoni, izda sostna li l-pulizija kollha kienu jafu li huma refugjati u jallega li qal lil Pulizija li ma setghux

jiddeportawh lura l-Libja ghaliex bhala Somalu f'pajjizu kien hemm gwerra; jghid li ma jafx kemm inzamm il-habs il-Libja u l-Qorti ma kienx assistit minn avukat u interpretu.

Illi l-intimati qed isostnu li r-rikorrenti fil-2004 ma applikawx taht in-numri taghhom fuq indikati ghall-azil (xhieda ta' Maria Theresa Galea, *Principal Head of Administration* u rappresentanta tar-*Refugee Commissioner* moghtija fid-19 ta' Novembru 2008 – fol. 42) fejn gie allegat li kienu inghataw applikazzjonijiet mill-Amministrazzjoni tac-Centru tad-Detenzjoni sabiex id-detenuti japplikaw jekk iridu ghall-azil izda hija xehdet b'mod generali bhala procedura li normalment kienet adottata f'dak iz-zmien fis-sena 2004 jew almenu dak li suppost kien isir (fol. 47). Wara, l-istess applikazzjonijiet jingabru u mic-Centru jinghataw lill-amministrazzjoni. Meta l-istess rikorrenti gew it-tieni darba fl-2006 kellhom in-numri 06N – 028 u O6N – 010 rispettivament u inghataw *Temporary Humanitarian Protection* wara li applikaw ghall-azil fl-11 u 4 ta' Lulju 2006 rispettivament (nota 6 ta' Jannar 2009 – fol. 49).

Illi skond ix-xhieda ta' l-Ispettur Edel Mary Camilleri datata 22 ta' April 2009 (fol. 72 sa fol. 88) Abdulle kien gie t-tieni darba Malta ma` 28 persuna ohra fis-6 ta' Novembru 2006 (Dok. "EDC 1") u mieghu kien hemm ir-rikorrenti l-iehor Nur, u Abdulle telaq minn Malta fil-11 ta' Frar 2009 (Dok. "EDC 2") filwaqt li r-rikorrenti l-iehor ghadu hawn Malta. Kif waslu, ix-xhud kellmithom bl-Ingliz ghalkemm l-istess rikorrenti u l-immigranti l-ohra kienu ghajjenin u tghid li kienu jifhmu bl-Ingliz ghaliex inghataw ktejjeb dwar id-drittijiet u obbligazzjonijiet taghhom bil-lingwa Ingliza (Dok. "EDC 4") kemm fir-rigward ta' detenzjoni u kemm ghall-applikazzjoni ta' azil u tghid li dan qrawh. Tghid li l-istess infomazzjoni fis-sena 2006 kienet tista' tinghata bil-Franciz u l-Gharbi. Minn dak il-hin tohrog *removal order* bl-Ingliz ghaliex huma kienu dahlu Malta llegalment, u fuq l-istess ordni jkun hemm miktub li ghandhom dritt li jappellaw mill-istess lil *Emigration Appeals Board* fi zmien 3 ijiem skond il-**Kap. 217**, u skond l-Ispettur Edel Mary Camilleri dan ikun miktub fuq l-istess *removal order*. Ir-rikorrenti ma appellawx minn din l-ordni izda applikaw f'dan it-tieni kaz ghall-azil flimkien ma' kwazi l-immigranti

kollha li kienu waslu maghhom. Dwar l-ewwel darba li r-rikorrenti gew Malta l-istess xhud ma kellha ebda informazzjoni u dan ghaliex hija ma kienitx l-Ispettur involuta (fol. 73).

Illi skond ix-xhieda ta’ l-Ispettur Mario Haber li kien jiehu hsieb ic-Centru f’dak iz-zmien (22 ta’ April 2009 – fol. 89 sa fol. 113) meta ir-rikorrenti gew l-ewwel darba Malta fit-2 ta’ Ottubru 2004 kmieni fil-ghodu u kien hemm b’kollox 24 persuna (Dok. “MH 1” – fol. 64) u r-rikorrenti gew indikati rispettivament bin-numri 04OO-07 u 04OO-06, li minnhom sitta intbaghtu lura, fosthom iz-zewg rikorrenti. Meta waslu kienu inghataw *removal order* u formula bl-Ingliz biex japplikaw ghall-i*status* ta’ refugjat izda ma kienux jaghtuhom *booklet* ta’ informazzjoni bl-obbligazzjonijiet u drittijiet taghhom, kif beda jinghatalhom zmien wara. F’dan il-kaz l-immigranti kienu informaw lix-xhud li kienu Somali (Dok. “MH2” sa Dok. “MH7”) izda ix-xhud ma rrizultax li kellimhom, jidher li kemm accerta ruhu li jinghataw din l-applikazzjoni sabiex japplikaw ghall-azil. L-istess xhud sostna li huwa ma kienx jidhol fuq xi direttivi li seta` kien hemm dwar persuni Somali li jinghataw *humanitarian protection* ghaliex din kienet tinhareg mir-*Refugee Commissioner* li dak iz-zmien kien Charles Buttigieg. Ma jirrizultax lanqas li kellimhom xi hadd floku (fol. 99 u 100) u lanqas li huwa b’xi mod jew xi hadd iehor verbalment gew informati li ghandhom dritt japplikaw ghall-azil (fol. 101); kull ma sar kien allegatament li inghataw tali formuli sabiex japplikaw ghall-azil u l-istess formuli qed jigi presunt li gew spjegati lilhom minn shabhom stess, dment li xi hadd ma saqsiex direttament ghall-informazzjoni. Tali formuli fil-verita’ lanqas biss gew esebiti. Skond l-Ispettur, normalment l-istess applikazzjonijiet jibdew jaslu mal-ewwel tlett ijiem u la skond dan ix-xhud l-istess rikorrenti ma applikawx ghall-azil baqa’ ma kellimhom hadd mill-Korp. L-istess xhud sostna li sakemm dam Spettur huwa, dan kien l-unika kaz ta’ persuni mis-Somalia li gew rimpatrijati, f’dan il-kaz lejn il-Libja ghaliex kienu salpaw minn hemm (fol. 103).

Illi l-Ispettur Mario Haber ikkonferma fl-istess affidavit tieghu datat 30 ta’ Dicembru 2009 (fol. 448) inkluz li l-

immigranti inghataw formula bl-Ingliz sabiex japplikaw ghall-i*status* ta' refugjat, u jghid li hafna mill-immigranti kienu applikaw fi zmien tlett ijiem; semma` wkoll li *Jesuit Refugee Services* kienu jmorru biex jassistu lill-immigranti u jindikawlhom x'inhuma d-drittijiet taghhom, u dan apparti li l-grupp ikollu *leader* li jispjega lill-immigranti li jkunu waslu l-ewwel darba Malta bid-drittijiet taghhom, inkluz li japplikaw ghall-azil u jghid li r-rikorrenti odjerni ma kienux applikaw ghall-azil.

Illi s-Supretendent Sandro Zarb, kien f'dak iz-zmien Spettur fid-Dipartiment ta' l-Emmigrazzjoni (xhieda tat-22 ta' April 2009 – fol. 107) u kien involut fl-operazzjoni sabiex is-sitt Somali, inkluz ir-rikorrenti odjerni, jintbaghtu l-Libja, u kien ordnat mill-Assistent Kummissarju Seychell sabiex jipprovdi skorta sabiex l-istess persuni jittiehdu l-ajruport ghaliex fil-konfront taghhom kienet harget mill-Ispettur Haber ordni ta' tnehhija li tkun inharget mill-mument li l-istess persuni waslu Malta. Ix-xhud sostna li personalment kien involut biss f'din id-darba ghar-rimpatrijazzjoni ta' Somali lejn il-Libja.

Illi skond nota tal-intimati datata 6 ta' Jannar 2009 jirrizulta li fil-2006 ir-rikorrenti kienu t-tnejn applikaw ghall-azil u wiehed inghata in-numru 06N-010, applika fil-4 ta' Lulju 2006 u inhariglu certifikat ta' *humanitarian protection* fl-4 ta' Lulju 2006, u l-iehor inghata n-numru 06N -028, applika ghall-azil fit-28 ta' Lulju 2006 u inghata certifikat ta' *humanitarian protection* fis-26 ta' Dicembru 2006 (verbal ta' Dr. Josette Demicoli datata 18 ta' Gunju 2009 – fol. 117). Illi kienet inharget *removal order* fit-23 ta' Gunju 2006 fiz-zewg kazi skond l-**artikolu 5 tal-Kap. 217** u fejn jinghad bl-ingliz li hemm dritt ta' appell lill-*Immigration Appeals Board* fi zmien tlett ijiem fil-*Board's Registry*, Fort St. Elmo, Valletta (Dok. "JD 1" u "JD 2" – fol. 119 – 120). Jirrizulta wkoll li fil-kaz tas-sena 2004, kienet saret applikazzjoni minn mara wahda fit-2 ta' Ottubru 2004, u n-nisa l-ohra fit-13 ta' Ottubru 2004, mentri l-irgiel li applikaw dahhlu l-applikazzjoni taghhom fit-8 ta' Novembru 2004 (Dok. "JD 3" – fol. 121) meta ir-rikorrenti kienu gja deporatati minn Malta fl-20 ta' Ottubru 2004, cjoe' ghoxrin gurnata wara li waslu Malta.

Illi l-ewwel eccezzjoni hija fis-sens li l-Ministru tal-Guztizzja u l-Intern ma huwiex il-legittimu kontradittur skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 181B tal-Kap. 12, i**zda din il-Qorti qed tichad din l-eccezzjoni peress li jirrizulta li l-Ministeru ghandu rwol importanti fl-ipprocessar tal-applikazzjoni ghall-i*status* ta' refugjat skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 7 (2) u (10), artikolu 8 (3) u artikolu 10 tal-Kap. 420,** u allura huwa wkoll legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri. Dan apparti li l-operat tal-entitajiet kollha konnessi ma' trattatament tal-immigranti llegali, inkluz l-agir tal-intimat l-iehor ovvjament tramite l-persuni adetti mieghu (u f'dan il-kaz mhux personalment) u l-organi kollha li jistghu jinfluwixxu fuq id-determinazzjoni li persuna tinghata l-i*status* ta' refugjat jaqghu taht l-istess dekasteru, u jirrizulta ghalhekk li f'dawn ic-cirkostanzi, inkluz jekk l-Awtoritajiet Maltin, kienux informati jew le dwar l-istat ta' persuni gejjin mis-Somalia, u t-trattament fil-Libja ta' persuni gejjin minn dak il-pajjiz jew ta' nazzjonalita' ohra, u ghalhekk fatturi li jistghu jiddeterminaw l-ezitu ta' kull applikazzjoni ta' azil, u kif issir tali applikazzjoni, iwasslu ghall-konkluzjoni li l-Ministeru intimat huwa l-legittimu kontradittur f'din il-kawza. Ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi dwar it-tieni eccezzjoni ta' nuqqas ta' ezawriment ta' rimedji fejn qed jinghad li r-rikorrenti kellhom rimedju ghaliex huma setghu japplikaw ghall-i*status* ta' refugjat skond l-**artikolu 8 (1) tal-Kap. 420,** jinghad li din il-kawza qed ssir proprju ghaliex fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz qed jigi allegat li r-rikorrenti ma inghatawx din l-opportunita', u dan peress li hadd ma qalilhom li setghu japplikaw ghall-azil, minkejja l-fatt li r-rikorrenti u l-persuni l-ohra li kienu maghhom mall-ewwel identifikaw ruhhom mal-Awtoritajiet bhala Somali li salpaw mil-Libja. F'dan il-kuntest l-Ispettur Mario Haber ikkonferma li huwa ma kellimx lir-rikorrenti jew lil xi immigrant iehor u kull ma sar allegatament huwa li inghataw formula bl-Ingliz ghall-applikazzjoni ghall-azil. F'dawn ic-cirkostanzi u fl-ambitu tal-kwezit hawn diskuss ta' ezawriment tar-rimedji ordinarji, jinghad li kif impostata l-kawza odjerna, certament ma jistax jinghad li r-rikorrenti kellhom xi

rimedju ordinarju, u dan huwa fil-fatt il-mertu tal-kawza odjerna, u jirrizulta ghalhekk li mill-fattispecie allegati tal-kaz in ezami, la darba l-istess rikorrenti qed jallegaw li ma inghatawx informazzjoni kif kellhom japplikaw ghall-azil, mela allura ma jistax jinghad li l-eccezzjoni ta' ezawriment tar-rimedji ordinarja jista' jkollha success f'din il-kawza, u dan iktar u iktar meta tali allegat rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fundamentali li jkun qed jigi allegat li gie miksur, rimedju li ghandu jkun accessebbli, xieraq, effettiv u adegwat, u din hija proprju l-lamentela tar-rikorrenti.

Illi hawn jigi rilevat li skond l-**artikolu 8 tal-Kap 420,** l-ufficjal tal-immigrazzjoni kellu l-obbligu illi jinforma lil persuna li qed tfittex protezzjoni bid-dritt li tapplika ghall-azil, li tikkonsulta lill-UNCHR u li jkollha l-assistenza legali fil-fazijiet kollha tal-procedura, u li persuna tista' tapplika fuq formula apposita, liema formula ghandha tkun f'lingwa li l-applikant ikun jifhem. Dan huwa soffermat minn **artikolu 3 tar-Regolamenti dwar Proceduri ta' l-Asil (Applikazzjoni ghal Dikjarazzjoni) (Avviz Legali 253 tal-2001** fejn jinghad li l-ufficjal ta' immigrazzjoni ghandu jinforma lill-persuna li tkun qed tfittex l-azil, meta possibbli bil-lingwa li jkun jifhem, jew inkella permezz ta' interpretu, li tkun tista tapplika ghall-i*status* ta' refugjat skond **l-artikolu 8 tal-Kap. 420,** u hawn ssir riferenza ghall-**artikolu 3 (3)** tal-istess regolamenti fejn *inter alia* li l-istess ufficjali ghandu d-dmir li jinforma lill-applikant li:-

(a) kull informazzjoni minnu moghtija ghandha tibqa' konfidenzjali;

(b) li jkollu jedd ghall-ghajnuna ta' avukat matul iz-zmien kollu tal-proceduri ta' asil;

(c) li jkollu jedd jaghmel kuntatt mal-Kummissarju Gholi;

(d) li jkollu jedd jipprezenta l-kaz tieghu kollu kemm hu u li jaghmel sottomissjonijiet lill-Kummissarju;

(e) dwar l-obbligu li ghandu jikkopera ghal kollox ma’ l-awtoritajiet, partikolarment mal-Kummissarju, u li jaghti informazzjoni rilevanti mal-applikazzjoni tieghu; u

(f) li r-rifjut min-naha tieghu, minghajr raguni valida, li jaghti xi informazzjoni mitluba mill-Kummissarju jew li jikkopera ghal kollox ma’ l-Awtoritajiet tista’ twassal ghas-sospensjoni jew it-terminazzjoni tal-proceduri ta’ l-asil.........

Illi fl-**artikolu 4 (a)** jinghad ukoll li malajr kemm jista’ jkun possibbli, dak l-ufficjal ta’ l-immigrazzjoni ghandu jassisti lill-applikant biex jimla’ l-formula ta’ l-applikazzjoni ghal dikjarazzjoni fejn ikun possibbli bl-assistenza ta’ interpretu.

Illi fid-dawl ta’ kollu, u stante li l-lamentela tar-rikorrenti huwa li l-ufficjal jew l-ufficjali inkarigati ma ghamlu xejn jew kwazi xejn minn dan, din il-Qorti thoss li anke din l-eccezzjoni ghandha u qed tigi fil-fatt michuda.

Illi kwantu ghall-mertu din il-Qorti jirrizultalha li r-rikorrenti meta waslu Malta inghataw in-numru 04 OO 006 u 04 OO 007 rispettivament u flimkien ma erba’ ohra minn shabhom li kellhom in-numri l-ohra minn 04 OO 005 sa 04 OO 010, tqeghdu fuq daghjsa wahda, u inhadu d-Depot, u lil dawn is-sitta hadd ma kellimhom li kellhom dritt li japplikaw ghall-azil. Jidher li l-istess immigranti, inkluz ir-rikorrenti, kellhom kuntatt biss mal-Ufficjal tal-Pulizija li xehed f’din il-kawza, u huwa jammetti li hlief li tahom Removal Order, u formula ghall-applikazzjoni ta’ azil, liema formula jew kopja taghha lanqas biss ma giet esebita f’din il-kawza, u ha d-dettalji taghhom (li minnhom irrizulta li huma Somali) hu ma ghamel xejn izjed, u dan minn dak il-hin sal-mument li gew deportati, u dan johrog car mix-xhieda tieghu tat-22 ta’ April 2009 a fol. 89 tal-process. Dan b’differenza ghal dak li beda jigri fi snin sussegwenti fejn l-istess immigranti bdew jinghataw dokument bl-Ingliz, u jekk ma jifmuhx b’lingwi ohra (bhal Franciz u Gharbi) intitolat *“Your entitlements, responsabilities and obligations while in detention”* li fihom hemm indikat id-drittijiet u l-obbligi taghhom, u fosthom kif

ghandhom japplikaw ghall-azil u li ghandhom dritt jaghmlu dan, bl-assistenza kollha ndikata fl-istess dokument fi zmien xahrejn mill-wasla taghom Malta (para. 10 – fol. 60).

Illi f'dan il-kaz ir-rikorrenti u erba' ohra min shabhom ma kienux informati sew bid-dritt taghhom li japplikaw ghall-azil u fil-fatt ma jirrizultax li xi hadd kellimhom dwar dan u huma inzammu mhux f'Centru ta' Detenzjoni, izda fid-Depot tal-Pulizija, u kienu sitta biss li gew mibghuta fi zmien ghoxrin gurnata; f'dan il-kuntest huwa relevanti u wkoll interessanti li mill-lista a fol. 121 tal-process jirrizulta li l-immigranti l-ohrajn li baqghu hawn Malta, li immigranta minnhom mara li giet mal-grupp, applikat ghall-azil fit-2 ta' Ottubru 2004, tlett nisa ohra fit-13 ta' Ottubru 2004 u dawn kienu qed jinzammu fic-Centru ta' Hal Safi, u l-irgiel l-ohra li gew mar-rikorrenti, izda li jidher li gew trattati differenti mill-grupp ta' sitt immigranti li attwalment gew deportati nkluz ir-rikorrenti, applikaw ghall-azil biss fit-8 ta' Novembru 2011, u allura jiem wara li r-rikorrenti u erba' minn shabhom kienu gja gew deportati, u spjegazzjoni ghal dan assulutament ma hemm ta' xejn ghaliex dawn is-sitt persuni gew deportati biss wara ghoxrin gurnata, meta persuni ohra bhalhom inzammu Malta, u dan minkejja li ma kienux applikaw sa dak in-nhar bhalhom ghall-azil, u meta dawn kienu wkoll Somali, bhar-rikorrenti u l-erbgha minn shabhom, li s-sitta li huma gew deportati kollha fil-21 ta' Ottubru 2004. Din il-Qorti ppruvat tara ghaliex sar dan mar-rikorrenti u l-persuni li gew sfurzati li jitilqu minn Malta, izda dwar dan ma hemm ebda spjegazzjoni ta' xejn, u dan fih innifsu huwa preokkupanti ghall-ahhar.

Illi hawn issir riferenza ghall-**artikolu 3 (2) tal-Avviz Legali 253 tat-2001 tar-Regolamenti dwar Proceduri ta' l-Asil (Applikazzjoni ghal Dikjarazzjoni)** li jipprovdi li:-

*"(2) L-ufficjal ta' l-immigrazzjoni involut ghandu jgharraf lill-persuna li tkun qeghda tfittex l-asil, meta jkun possibli b'lingwa li dik il-persuna tkun tifhem, jew, fejn ikun mehtieg, bl-ghajnuna ta' interpretu, li hija tkun tista' tapplika ghal dikjarazzjoni ta' status ta' refugjat skond l-artikolu 8 tal-Att.*

*(3) L-ufficjal ta' l-immigrazzjoni ghandu jinforma lill-applikant;*

*(a) li kull informazzjoni minnu moghtiha ghandha tibqa' konfidenzjali;*

*(b) li jkollu jedd ghall-ghajnuna ta' avukat matul iz-zmien kollu tal-proceduri ta' l-asil;*

*(c) li jkollu jedd jaghmel kuntatt mal-Kummissarju Gholi;*

*(d) li jkollu jedd jipprezenta l-kaz tieghu kollu kemm hu u li jaghmel sottomissjonijiet lill-Kummissarju;*

*(e) dwar l-obbligu li ghandu li jikkopera ghal kollox ma' l-awtoritijiet, partikolarment mal-Kummissarju, u li jaghti informazzjoni rilevanti ghall-applikazzjoni tieghu; u*

*(f) li r-rifjut min-naha tieghu, minghajr ragunijiet validi, li jaghti informazzjoni mitluba mill-Kummissarju, jew li jikkopera ghal kollox ma' l-awtoritajiet tista' twassal ghas-sospensjoni jew it-terminazzjoni tal-proceduri ta' l-asil ghar-rigward kemm ta' l-applikazzjoni tiehu, u fejn dan ikun japplika, ghal dik ta' xi membru dipendenti tal-familja tieghu.*

*(4) (a) li Malajr kemm jista' jkun possibbli, dak l-ufficjal ta' l-immigrazzjoni ghandu jassisti lill-applikant biex jimla' l-formula ta' l-applikazzjoni ghal dikjarazzjoni, fejn ikun possibbli bl-assistenza ta' interpretu".*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-ufficjali tal-pulizija nkarigat minn dan il-kaz sfortunatament u *ex admissis* mix-xhieda tieghu *viva voce* ma ghamel xejn minn dan, u certament li f'dan il-kuntest il-fatt li persuni ohra li kienu fuq l-istess dghajsa applikaw fid-9 ta' Novembru 2004, meta r-rikorrenti kienu gja ntbaghtu lura, ( jinghad li ohrajn applikaw fit-18 ta' Ottubru 2004, jumejn biss qabel mar-rikorrenti gew deportati), jindika li r-rikorrenti (flimkien ma erbgha ohra) ghal xi raguni ma nghatawx l-opportunita' li japplikaw ghall-azil u effettivament gew prekluzi milli

japplikaw ghall-asil fiz-zmien li damu Malta, u dan meta jidher li kien hemm il-mezzi kollha sabiex dan ikun jista' jsir, kif sar ma` persuni ohra, izda li ma giex effettwat fil-kaz tar-rikorrenti.

Illi wiehed mill-argumenti tal-intimati huwa li tmintax-il Somalu iehor applikaw ghall-azil (para. 31 tan-nota responsiva tal-intimati) u fil-fatt il-misteru dwar dan kollu huwa proprju dan, tant li ftit minnhom applikaw biss jumejn qabel ir-rikorrenti gew deportati, mentri numru ikbar applikaw ghall-azil wara li r-rikorrenti gew deportati. Ghaliex sar dan l-intimati ma kienux u ma humiex kapaci jispjegaw, u dawn il-fatti certament jimmilitaw kontra t-tezi tal-intimati, u certament ikomplu jikkonfermaw li f'dan il-kaz ir-rikorrenti ma inghatawx l-opportunita' u c-cans li japplikaw ghall-azil. F'paragrafu 32 tar-replika tal-intimati jinghad li fl-affidavit tieghu l-Ispettur Haber spjega li fic-centru ta' detenzjoni, ikun hemm *leader* li jispjega kollox lill-Immigranti u anke jkun hemm membri tal-Jesuits Refugee Services, li setghu jsaqsuhom ghall-informazzjoni u ghajnuna, izda f'dan il-kaz ma sar xejn minn dan ghaliex inzammu d-Depot tal-Pulizija u ma jirrizulta li kellhom access ghal hadd (ara affidavit tar-rikorrenti Kasim Ibrahim Nur, (fol. 26) u kull ma sar biss li hallewhom hemm u wara 21 gurnata marru ghalihom u mmanettjati wassluhom l-ajruport u poggewhom fuq ajruplan b'pulizija bejn tnejn u nhadu lura l-Libja, fejn hadd mill-immigranti ma ried imur.

Illi meta waslu l-Libja dawn inzammu taht arrest u r-rikorrenti jirrakkontaw kif gew stmati u ttorturati u hawn issir riferenza ghall-affidavit ta' l-istess rikorrenti Nur u ghar-rikors promotorju. Ma hemm l-ebda dubju li r-rikors odjern mhux qed isir ghal xi trattament inuman li r-rikorrenti sofrew b'xi mod f'Malta, izda l-ilment tar-rikorrenti f'dak li huwa l-**artikolu 36 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea** huwa fis-sens li meta stat jestradixxi persuna ghal Stat iehor li jista' jaghti lok li dan jigi trattat bil-mod kif indikat fl-**artikolu 3 tal-Konvenzjoni**, u meta jigi ppruvat li *"substantial grounds have been shown for believing that the person concerned if extradited, faces a real risk of being subjected to torture*

*or to inhuman or degrading treatment or punishment in the requesting country",* mela allura hemm ksur ukoll tal-istess artikolu u dan kif ritenut fil-kaz ta' **"Soering v. United Kingdom"** (EctHR – 7 ta' Lulju 1989).

Illi dan gie applikat anke ghall-persuni li jkunu qed ifittxu azil kif jirrizulta mid-decizjonijiet **"Cruz Varas and Others v. Sweden"** (ECtHR – 20 ta' Marzu 1991), **"Vilvarajah and Others v. United Kingdom"** (ECtHR – 30 ta' Ottubru 1991) u **Chalal v. United Kingdom"** (15 ta' Novembru 1996) fejn inghad li:-

*"It is well-established in the case-law of the Court that the expulsion by a Contracting State may give rise to an issue under Article 3, and hence engage the responsability of that State under the Convention where substantial grounds have been shown for believing that the person in question, if expelled, would face a real risk of being subjected to treatment contrary to Article 3 in the recieving country. In these circumstances, Article 3, implies the obligation not to expel the person in question to that country"* (para. 74).

Illi dan il-principju gie kkonfermat fis-sentenzi **"Said v. The Netherlands"** (ECtHR – 5 ta' Lulju 2005); **"Grebremedhin v. France"** (ECtHR – 26 ta' April 2002); u **"Ahmed v Austria"** (ECtHR – 17 ta' Dicembru 1996). Fil-kaz **"T.I. v. United Kingdom"** (ECtHR – 7 ta' Marzu 2000) l-istess principju gie applikat mhux biss ghar-ritorn lura lejn l-Istat ta' origini, izda wkoll ghall-post ghal fejn ikun ser jintbghat li ma jkunx dak ta' origini, hekk imsemmija indiretta jew *"an intermediate country"* u allura fejn tkun ukoll applikabbli l-Konvenzjoni ta' Dublin 1990 tant li nghad li:-

*"The indirect removal in this case to an intermediate country, which is also a Contracting State, does not affect the responsability of the United Kingdom to ensure that the applicant is not, as a result of its decision to expel, expose to treatment contrary to Article 3 of the Convention"* (para. 15).

Illi hawn necessarjament irid jigi ezaminat jekk bir-ritorn lejn il-Libja kienx hemm perikolu li l-istess rikorrenti jigu assoggettati ghat-trattament inuman jew degradanti fil-kuntest tal-**artikolu 3 tal-Konvenzjoni**, u hawn issir referenza ghax-xhieda tar- rikorrenti li minnha jirrizulta li l-istess kif waslu l-Libja gew maghmmda, tpoggew f'van, gew imsawta, u mpoggija kull wiehed isolat f'cella, imsawta b'injama hoxna tant li r-rikorrenti ntilef minn sensih, u dan baqa' jsir ghal kull lejl ghal sebat'ijiem shah; wara inhadu f'habs Fallah, fejn kienu jinzammu immigranti llegali ghal 11 il-gurnata, u mbaghad ittiehdu l-habs ta' Ain Zara; gew mehuda l-Qorti fi tlett okkazjonijiet minghajr ma kienu jafu jew spjegawlhom ghaliex, bla avukat jew interpretu u wahlu sena habs ghax gew trattati bhala immigranti llegali; il-habs inzammu ma` 50 sa 70 persuna f'kull cella, u gew torturati bil-mod kif indikat fix-xhieda prodotta minnhom u mizmuma f'kundizzjonijiet degradanti. Bejn Ottubru u Novembru 2005, huwa u hames Somali ohra ttiehdu fid-dezert u gew hemm abbandunati u wara li erbgha minn shabhom waqfu jimxu ghax ma felhux izjed ir-rikorrenti baqghu ifittxu sabiex isibu lil xi hadd jghinhom u wara gimghatejn iltaqghu ma' nomadi li tawhom jixorbu u jieklu u haduhom Kufra l-Libja u hemm wara marru Tripoli u regghu ppruvaw jahdmu sakemm gew Malta fis-sena 2006.

Illi ma hemm l-ebda dubju f'ghajnejn din il-Qorti li mir-rakkont taghhom l-istess rikorrenti gew assoggettati ghal tortura, swat, detenzjoni prolungata f'kundizzjonijiet degradanti u inumani li setghet facilment waslet ghall-mewt, u kien b'miraklu biss li dan ma sehhx.

Illi jirrizulta wkoll li mir-rapporti esebiti jirrizulta li kien maghruf li fil-Libja taht ir-Regim ta' Mu'ammar Gaddafi tali immigranti llegali, flimkien ma' persuni ohra, kienu jigu trattati mill-iktar mod hazin, u kemm persuni ta' Nazzjonalita' Eritreana u Somala, kienu jigu deportati lejn pajjizhom minkejja s-sitwazzjoni imwera li kien hemm fl-istess pajjizi, rikonoxxuta internazzjonalment, jew inkella imhollija fid-dezert sabiex imutu hemm. Illi f'dan il-kuntest issir riferenza ghal diversi rapporti esebiti mir-rikorrenti li jindikaw li l-Libja kienet indikata minn diversi

organizzazzjonijiet internazzjonali bhala Stat fejn ir-*Rule of Law* ma kienitx tezisti, fejn l-i*status* ta' refugjat ma kienx protett minkejja l-Konvenzjonijiet ezistenti, tant li l-UNCHR u *Amnesty International* hargu diversi rapporti u stqarrijiet f'dan ir-rigward.

Illi f'dan il-kuntest issir riferenza ghar-rapporti intitolati "**Country Operations Plan – Libjan Arab Jamahariya tal-UNCHR"** datat l-1 ta' Settembru 2003 (Dok. "HH 2"), **"Urgent Appeal 227/03"** datat 25 ta' Lulju 2003 (Dok. "HH3"), **"Libja – Time to make human rights a reality"** (Dok. "HH 8") datat April 2003, fejn gew rapportati diversi kazi fejn immigranti llegali ma inghataw ebda protezzjoni ta' xejn, anzi numru mhux insinifikanti ta' Eritreani gew arrestati msawwta u torturati; l-istess jinghad fir-rapport datat 28 ta' Lulju 2004 intitolat **"Forcible return/fear for safety/fear of torture"** (Dok. "HH 9" – fol. 222), u iehor datat 6 ta'Settembru 2004 (Dok. "HH 10" – fol. 225) fejn saru appelli proprju lil Mu'ammar Gaddafi personalment sabiex refugjati fosthom dawk minn Eritrea ma jibqghux jigu trattati b'dak il-mod u ritornati lejn l-istess pajjiz, u sabiex l-istess persuni jigu trattati b'mod uman u jinghataw access lil rapprezentanti tal-UNCHR.

Illi rapport iehor datat 11 ta' Ottubru 2004 huwa mill-**"External Relations Council intitolat Libja/EU Open Letter to EU Foreign Ministers"** (Dok. "HH 11" – fol. 227) fejn tiddeskrivi lil-Libja bhala pajjiz dittatorjali, bla ebda forma ta' demokrazija, bla indipendenza tal-gudikatura, u fejn huwa addirittura deskritt bhala pajjiz fejn *"independent monitoring of the human rights situation remains impossible, Independent NGOs cannot settle and exercise in Libja. ........Asylum seekers and immigrants face xenophobic acts of violence and forced return. While some EU number states are currently considering developing relations with Libja on migration and asylum issues, such policy is highly questionable in light of the disastrous situation asylum seekers and immigrants in Libja.*

- *asylum seekers in Libja do not benefit from the international protection of the 1951 Geneva Convention*

*on the Status of Refugees, which Libja has not ratified. Several examples are reported, of asylum seekers who are sent back to their country of origin where they face torture and ill-treatment, in violation of the principle of non-refoulement. Indeed, Libja has on several occasions sent back Eritrean nationals who had fled their country, They were sent back and are reported to be detained incommunicato in secret detention centres, where they could face torture. This situation was raised to the Libjan Government on July 2003 jointly by the UN special rapporteur on Torture and the UN special rapporteur on summary executions.*

*- Hundreds of African migrant workers living in Libja have been subject to racial violence and killings stemming from anti-black sentiment of the population, in September 2000. Several hundreds of Nigerians have been reportedly killed as many more injured during those attacks. Migrant workers from Ghana, Cameroon, Sudan, Niger, Burkina Faso, Chad and Nigeria were victims of attacks by young Libyans allegedly after the Government ordered a crackdown on foreign employment. Those acts remain unpunished.......”*

*- Over the past years, Libya had undertaken massive repatriation of its migrant population. Several thousands African workers would have been expelled since the year 2000, as noted by the UN Committee on the Elimination of Racial Discremination.*

*For these reasons, the FIDH call upon the EU to make all efforts to ensure that the Libyan Government:-*

*- ensures that the rights of freedom of expression, to freedom of association are made effective and guaranteed to all citizens in Libya as well as all non-citizens;*

*- ensures that the institutions representing the people be democraticaly elected in independent and fair elections, by the Libyan people, that the organs of the State*

*enshrined in constitutional rules, guaranteeing political pluralism and the separation of powers;*

*- tries and condemns the persons responsible for xenophobic acts and acts of violence against immigrants*

*- ratifies the 1951 Geneva Convention on the status of refugees, recognises asylum seekers, their individual rights and respects the principle of non-refoulement;*

*- invites independent NGOs and journalists to investigate freely in the country".*

Illi din il-posizzjoni giet ikkonfermata fir-rapport tal-Kummissjoni Ewropeja intitolata **"Technical Mission to Libja on Illegal Immigration – 27th November – 6 th December 2004"** (Dok. "HH 12") fejn inghad li *"during meetings with different Libyan authorities the mission was told that Libya does not acknowledge the presence of refugees and asylum seekers on its territory, considering that all immigrants are econimic immigrants"* (fol,. 280).

Illi hawn issir riferenza ghar-rapporti kollha esebiti mir-rikorrenti, datati kemm dawk qabel is-sena 2004, u kemm wara s-sena 2004, fejn mill-istess jirrizulta li l-immigranti llegali li jinqabdu jigu trattati b'mod konsistenti b'mod inuman, degradanti, u torturati b'kull mod possibli, u tant kienet imxerrda din il-prattika fil-Libja, li dan kien internazzjonalment maghruf, permezz ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, inkluzi l-UNCHR u l-Kummissjoni Ewropea, u dan anke permezz ta' studji, investigazzjonijiet, u rapporti, bhal dawk esebiti, li l-allegazzjonijiet attrici jridu necessarjament jittiehdu f'dan l-isfond, u allura dan irendi l-verzjoni tar-rikorrenti konsistenti u kredibbli, u fil-fatt lanqas hija *per se* kontradetta, u wkoll jirrizulta l-fatt li l-Awtoritajiet relattivi u wkoll koncernati kellhom almenu bhala minimu l-mezzi disponibbli sabiex ikunu jafu b'din is-sitwazzjoni, u bhala prova irid jinghad li in vista ta' tali rapporti hekk pubblikati internazzjonalment, huwa hafna difficli ghal din il-Qorti, li taccetta l-posizzjoni mpoggija l-quddiem ghall-konsiderazzjoni taghha, mid-difensuri tal-intimati fin-nota

responsiva taghhom, li tali riskju ta' tortura u trattament inuman u degradenti ghal persuni bhar-rikorrenti fil-Libja ma kienx ghadu maghruf presumibilment mill-intimati f'Ottubru 2004 (ara para. 38 u 40 – 45 tan-nota responsiva tal-intimati), u dan iktar u iktar meta tigi kkonsidrata l-posizzjoni li kienet attwalment tesizti fil-mument tal-prezentata tal-istess nota fit-29 ta' April 2009 kif donnu qed jigi suggerit f'paragrafu 39 tal-istess nota. Anzi din il-Qorti thoss li mir-rapporti kollha esebiti (Dok. "HH 1" sa Dok. "HH 21" (fol. 127 sa fol. 443) inkluz il-brani minnhom citati fin-nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrenti datata 4 ta' April 2011 (fol. 492), li ghaliha qed issir riferenza, gie ppruvat li r-riskju ta' tortura ghar-rikorrenti fil-Libja bit-tkeccija taghhom minn Malta fl-2004 kienet mhux sempliciment riskju residwu, izda riskju attwali fis-sens li kien hemm f'dak iz-zmien *"substantial grounds for believing that the persons concerned faces the real risk of ill-treatment",* u dan huwa f'dan il-kaz imsejjes fuq fatti stabbiliti u mhux kongetturi, possibilitajiet u supposizzjonijiet. Dwar dan ma hemm l-ebda dubju u r-rapporti ma jhallu l-ebda dubju dwar it-trattament ta' persuni li jkunu qed ifittxu l-azil fil-Libja, fejn dan l-i*status* lanqas biss kien rikonnoxxut, u la darba rimpatrijati, l-istess persuni, b'mod sistematiku, kienu jigu soggetti ghal kull tip ta' trattament inuman, tortura, u degradazzjoni umana fl-ghar livell possibbli u immaginabbli, li twassal ghal ugieh kbir, jekk mhux mewt, u wkoll ghal deportazzjoni, fejn il-bniedem jibqa' haj, proprju lejn il-pajjiz fejn dawn l-imsejkna persuni jkunu harbu sabiex jevitaw persekuzzjoni kontra taghhom. F'dan l-istat ta' provi li din il-Qorti qed tirrinfaccja, ma tistax hlief takkolji l-ewwel talba tar-rikorrenti ghaliex kontrjament ghal dak ritenut f'paragrafu 49 tan-nota tal-intimati (fol. 535) kien hemm sufficjenza ta' prova in sostenn tad-dritt pretiz mir-rikorrenti, u l-provi huma cari u inekwivoci (**"John Mary Vella vs Bernard Hotel Limited"** – A.C. – 17 ta' Ottubru 2008) ghall-allegazzjonijiet vantati mill-istess rikorrenti.

Illi din id-decizjoni qed tittiehed ukoll fl-isfond ta' dak ritenut fis-sentenza **"Cruz Varas and Others v. Sweden"** (EcrHR – 20 ta' Marzu 1991) fejn inghad f'parag. 75-76 u 88 li:-

*" (1) In determining whether substantial grounds have been shown for believing the existence of a real risk of treatment contrary to Article 3 (art. 3) the Court will access the issue in the light of all the material placed before it, or, if necessary, material obtained proprio mutu;*

*"Further, since the nature of the Contracting States' responsability under Article 3 (art. 3) in cases of this kind lies in the act of exposing an individual to the risk of ill-treatment, the existence of the risk must be assessed primarily with reference to those facts which are known or ought to have been known to the Contracting State at the time of the expulsion; the Court is not precluded, however from having regard to information which comes to light subsequent to the expulsion. This may be of value in confirming or refuting the appreciation that has been made by the Contracting Party or the well-foundedness or otherwise of an applicant's fears;*

*(3) Ill-treatment must attain a miniumum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3 (art. 3). The assessment of this minimum, is, in the nature of things, relative; it depends on all circumstances of the case".*

Illi huwa f'dan l-isfond li din il-Qorti ezaminat l-atti u l-provi kollha migbura, nkluz ir-rapporti esebiti, u anke bicciet mill-brani tal-istess rapporti citati fin-nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrenti prezentata minn Dr. Michael Camilleri, u b'riferenza anke partikolari mir-raba' paragrafu tal-pagna 13 tal-istess nota sa' pagna 23 tal-istess (fol. 514). Dan iktar u iktar ghal persuni li gejjin mis-Somalia, fejn huwa maghruf li hemm kunflitt vjolenti fejn eluf kbar ta' nies jaharbu kull sena biex ifittxu kenn, u dan huwa fatt maghruf mill-Gvern Malti li tul dawn l-ahhar snin ta protezzjoni lil eluf ta' refugjati li waslu minn Malta minn dan il-pajjiz skond il-posizzjoni li hadet il-UNCHR ***"on the return of rejected asylum seekers to Somalia"*** ta' Jannar 2004 li jghid li:-

*"UNCHR considers that persons originating from Southern Somalia are in need of international protection and objects*

*to any involuntary return of rejected asylum-seekers to the area south of the town of Galkayo".* Fil-fatt meta r-rikorrenti regghu gew Malta, u din it-talba gew informati bid-dritt taghhom li japplikaw ghall-azil, huma inghataw protezzjoni fuq dan il-parir tal-UNCHR.

Illi f'dan il-kaz gie ppruvat li l-Libja ma kienitx *a safe country,* kemm minhabba il-mod kif kienu jigu trattati immigranti rregolari, kif ukoll minhabba l-fatt li l-Libja lanqas biss kien hemm sistema biex wiehed jaghmel talba ghal azil u gie wkoll pruvat li f'numru konsiderevoli ta' kazi ta' persuni li kienu qed ifittxu kenn gew maltrattati, torturati, degradati, suggettti ghat-trattament vjolenti u inumani, impoggija f'kundizzjonijiet patetici, u dizumani ghall-ahhar u fl-estrem, u fl-ahhar mill-ahhar, jekk jirnexxielhom jibqghu jghixu wara din l-esperjenza, jigu deportati lejn pajjizhom, jew abbandunati f'nofs dezert, kollox in vjolazzjoni tal-principju ta' *non refoulement*, u dan kollu jikkostitwixxi ksur tal-**artikolu 3 tal-Konvenzjoni.** Dan il-kaz odjern huwa wkoll kaz bhal dawn, u tali trattament gie ppruvat li sar mill-Awtoritajiet Libjani, u huwa konsistenti ma' dak li gralhom diversi immigranti llegali bhalhom li kienu fil-Libja, u gie wkoll pruvat li l-Awtoritajiet kompetenti kellhom l-informazzjoni mehtiega fiz-zmien relattiv ta' tkeccija li kienu jew setghu kienu jafu bil-posizzjoni prevalenti fil-Libja fil-konfront ta' tali immigranti llegali, u li fid-dawl ta' dan kollu, kien wiehed jistenna u janticipa, li jekk ir-rikorrenti, li gejjin mis-Somalia, u li f'dak iz-zmien ukoll kien jinhtigilhom protezzjoni milli jigu ritornati lejn pajjizhom, jekk jigu rimpatrijati l-Libja kienu ser jigu suggetti ghal tali tortura, trattament inuman, u degradanti, u wkoll li jigu wkoll rimpatrijati lejn il-pajjiz taghhom ta' origini u l-grajjet ricenti gewwa l-Libja, huma konferma (jekk kien hemm bzonn) ta' dan minhabba r-regim vjolenti u oppressiv li kien jezisti, bl-ebda rispett lejn l-umanita' tal-bniedem, u wisq inqas lejn id-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Din il-Qorti ma tistax tinjora l-kuntest storiku ta' dan kollu, nkluz fiz-zmien meta sehhet it-tkeccija hawn oggett ta' din il-kawza, meta r-rikorrenti regghu gew Malta u inghataw protezzjoni, u wkoll dak kollu li kien hemm u sehh fil-Libja matul iz-

zmien, inkluz dak ricenti. F'dan il-kuntest l-ewwel talba attrici qed tigi milqugha.

Illi dwar l-**artikolu 13 tal-Konvenzjoni** dan jghid li:-

*"Kull minn ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tieghu kontemplati f'din il-Konvenzjoni ghandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorita' nazzjonali ghalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jagixxu f'kariga ufficjali".*

Illi ma hemmx dubju li f'dan il-kaz ir-rikorrenti kellhom dak li gie indikat fil-kawza **"Anne Marie Andersson v. Sweden"** (ECtHR – 27 ta' Awwissu 2007) bhala *"arguable case"* u wkoll li l-Istat ghandu jaghtihom rimedju ghall-ksur tad-drittijiet taghhom, haga li ma gietx moghtija lilhom qabel ma tkeccew fis-sena 2004, u dan proprju li bil-mod kif il-persuna/i inkarigata/i mxiet jew imxewwew maghhom, huma gew prekluzi milli jistitwixxu proceduri ta' asil taht il-**Kap. 402,** u l-ebda rimedju ma kien disponibbli fuq skala nazzjonali ghal dan in-nuqqas, u allura ma kienx hemm *"effective remedy before a national authority to everyone who claims that his rights and freedoms under the convention have been voilated"* (**"Klass v. Germany"** – ECtHR – 6 ta' Settembru 1978). Illi f'din il-kawza odjerna dan qed jigi altraccat mal-ksur tal-**artikolu 3 tal-Konvenzjoni** b'dan li l-istess artikolu qed jigi nvokat ma' ksur ta' dritt fundamentali iehor indikat fil-Konvenzjoni, u allura qed jigi invokat *"in conjunction with one or more of these rights and freedoms"* (**"Charles Galea vs Prim Ministru et"** (Q.K. – 17 ta' Novembru 2008); **"Theory and Pratice of the European Convention on Human Rights – van Dijk & van Hoof.** Illi jinghad pero' ukoll li fil-kaz ta' **"Chalal v. The United Kingdom"** (ECtHR – 15 ta' Novembru 1996) inghad li *"in such cases, given the nature of the harm that might occur if the risk of ill-treatment materialised and the importance that the Court attaches to article 3 (art. 3), the notion of an effective remedy under Article 13 (art. 13) requires independent scrutiny of that if there exist substantial grounds for fearing a real risk of treatment contrary to Article 3 (art. 3)".* Illi ghalhekk anke din it-tielet talba qed tigi milqugha.

Illi minn naha l-ohra ma jirrizultax li hemm ksur tal-**artikolu 4 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni** ghaliex ma jirrizultax li kien hemm *"collective expulsion of aliens as a group"* tant li f'dan il-kaz grupp minnhom inghata protezzjoni, ghaliex fil-konfront tieghu gie accertat li d-dritt taghhom li japplikaw ghall-azil gie rispettat u osservat, u allura l-kaz jibqa' wiehed fuq skala individwali, anke jekk kien jinvolvi iktar minn persuna wahda, izda certament mhux kollettiv, u ghalhekk it-tieni talba qed tigi michuda.

Illi dwar ir-raba' talba din id-dikjarazzjoni kontenuta fis-sentenza odjerna abbazi tal-ewwel u t-tielet talba tar-rikors hija fiha nfisha kumpens ghall-ksur tal-**artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 3 u 13 tal-Konvenzjoni Ewpropeja,** izda fic-cirkostanzi tal-kaz, u in vista' ta' dak li ghaddew minnu l-istess rikorrenti minhabba l-agir tal-persuni u l-Awtoritajiet involuti f'dan il-kaz specifiku, din il-Qorti thoss li dan ma huwiex bizzejjed u ghandu jinghata wkoll kumpens pekunarju u ghal dan l-iskop din il-Qorti qed *arbitro boni viri* tikkoncedi u tillikwida kumpens lil kull wiehed mir-rikorrenti ta' ghaxar t'elef ewro il-wiehed, b'kollox ghoxrin elf ewro (€20,000) li l-intimati ghandhom ihallsu lir-rikorrenti.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-intimati datata 20 ta' Novembru 2007 biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, u **tichad it-tieni talba tar-rikorrenti fir-rikors taghhom datat 8 ta' Novembru 2007 ghaliex hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, izda tilqa' t-talbiet l-ohra tar-rikorrenti fir-rikors taghhom premess, biss in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz,** b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi l-initimati kisru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, hekk kif sanciti f'**artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u **artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap319)** minhabba l-agir taghhom fid-deportazzjoni tar-

rikorrenti u bil-mod kif agixxew mal-istess kollox kif indikat f’din id-decizjoni.

3. Tiddikjara illi l-initimati kisru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, *ai termini* tal-**artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea** ghaliex l-istess deportazzjoni tmur kontra d-dritt tar-rikorrenti ghar-rimedju effettiv u dan kollox fit-termini ta’ dak deciz f’din is-sentenza.

4. Taghti dawk ir-rimedji kollha mehtiega u necessarji fil-konfront tar-rikorrenti sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet fundamentali taghhom, u dawn huma fis-sens li minbarra d-dikjarazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti konsegwenti ghall-ewwel u t-tielet talba tar-rikorrenti, tikkundanna wkoll lill-intimati flimkien *in solidum* bejniethom sabiex ihallsu lil kull wiehed mir-rikorrenti is-somma ta’ ghaxar t’elef ewro (€10,000) (b’kollox ghoxrin elf ewro (€20,000) bhala kumpens ghal tali ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif hawn deciz.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------